



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 12.9.2018  
COM(2018) 647 final

**KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL EWROPEW, LILL-  
PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL**

**Attur dinji aktar b'saħħtu: tehied tad-deċiżjonijiet aktar effiċjenti għall-Politika Estera u  
ta' Sigurtà Komuni tal-UE**

## 1. Daħla

Matul l-aħħar 60 sena, il-passi li saru lejn l-integrazzjoni Ewropea ħolqu destin komuni għaċ-ċittadini tal-Unjoni. Il-kwistjoni li qed tiffaċċja l-Ewropa hija waħda sempliċi: jekk l-Ewropej humiex se jiddeċiedu huma stess dwar id-destin komuni tagħhom, jew jekk hux se jkun ħadd ieħor li jiddeċiedi dwar dak id-destin. Jekk l-Unjoni Ewropea tixtieqx tkun pilastru fl-ordni globali multipolari li qed jinholq jew jekk hix se tikkuntenta li tinġarr minnu.

L-isfidi li qed tiffaċċja l-Ewropa llum mhumieq se jogħsfu fix-xejn. Il-kompetizzjoni globali se tiħrax. Il-pass tal-bidla teknoloġika se jiżdied. L-instabbiltà ġeopolitika se tiżdied. L-effetti tat-tibdil fil-klima se jinħassu. Ix-xejriet demografiċi jfissru li l-migrazzjoni lejn l-UE se tkompli għaddejja.

Id-dikjarazzjoni ta' Ruma tal-2017<sup>1</sup>, adottata fl-okkażjoni tas-60<sup>in</sup> anniversarju mit-Trattat ta' Ruma, għarfet il-bżonn li l-Unjoni Ewropea tkun aktar b'saħħitha. Il-Mexxejja enfazzzaw b'mod partikolari li l-UE għandha ssir attur globali aktar b'saħħtu. Trid tkun kapaċi ssawwar aktar l-avvenimenti globali u trid tkun mgħammra aħjar biex iġġorr ir-responsabbiltajiet internazzjonali. L-Unjoni Ewropea trid iżżid il-kapaċità tagħha li *"taġixxi b'mod kredibbli fix-xena dinjija"* (*"Weltpolitikfähigkeit"*)<sup>2</sup>. Din il-Komunikazzjoni hija kontribut għad-dibattitu bejn il-Mexxejja li se jsir fil-laqgħa tagħhom f'Sibiu fid-9 ta' Mejju 2019.

Fid-dinja kumplessa, konnessa u kontestata tal-lum<sup>3</sup>, l-UE trid tipproteġi liċ-ċittadini tagħha, tippromwovi l-valuri u l-interessi tagħha, issostni l-ordni internazzjonali bbażata fuq ir-regoli u tesporta l-istabbiltà lejn il-viċinat tagħha u lil hinn. L-UE trid ukoll tkun kapaċi twieġeb għall-aspettattivi ta' pajjiżi terzi, organizzazzjonijiet internazzjonali u atturi internazzjonali oħra jekk trid li jkollha rwol fl-indirizzar tal-isfidi reġjonali u globali.

L-ebda Stat Membru ma jista' jilqa' dawn l-isfidi jew jisfrutta dawn l-opportunitajiet waħdu. L-UE u l-Istati Membri tagħha jridu jiġbru flimkien is-saħħa tagħhom fil-promozzjoni tal-interessi u tal-valuri komuni.

Fid-diskors tiegħu dwar l-Istat tal-Unjoni tal-2018, il-President Juncker identifika għadd ta' politiki li jridu jiġu segwiti għal dan l-għan. L-UE trid taħdem aktar mill-qrib mas-sħab tagħha madwar id-dinja. Għandha żżid is-sħubija tagħha mal-Afrika, b'mod partikolari bit-tnedija ta' Alleanza għal investimenti u impjiegi sostenibbli. L-UE trid tkun kapaċi toqgħod fuq saqajha waħedha. Pereżempju, trid issaħħaħ ir-rwol internazzjonali tal-euro. L-UE trid titkellem ukoll b'leħen wieħed, ċar u b'saħħtu bi tweġiba għal avvenimenti internazzjonali.

Biex tilħaq dawn l-għanijiet u ssir attur globali aktar b'saħħtu, l-UE trid tgħammar lilha nnifisha bl-istrumenti meħtieġa, b'mod partikolari billi t-teħid tad-deċiżjonijiet tagħha jsir aktar effiċjenti.

<sup>1</sup> [Id-Dikjarazzjoni ta' Ruma](#) mill-mexxejja tas-27 Stat Membru u mill-Kunsill Ewropew, mill-Parlament Ewropew u mill-Kummissjoni Ewropea.

<sup>2</sup> Kunċett maħluq mill-President Juncker fid-[diskors](#) tiegħu fil-54 Konferenza dwar is-Sigurtà li saret fi Munich.

<sup>3</sup> [Shared Vision, Common Action: A Stronger Europe. A Global Strategy for the European's Foreign and Security Policy](#), minn Ġunju 2017.

Għal dan il-għan, fid-diskors tiegħu dwar l-Istat tal-Unjoni tal-2017, il-President Juncker issuġġerixxa li l-Istati Membri għandhom *“jaraw liema deċiżjonijiet ta’ politika barranija jistgħu jinbidlu minn unanimità għal votazzjoni b’maġġoranza kwalifikata”*<sup>4</sup>. Dan jista’ jsir fuq il-bażi tat-Trattati kif inhum. Id-Dikjarazzjoni ta’ Meseberg ta’ Ġunju 2018 dwar it-Tiġdid tal-wegħdiet ta’ sigurtà u prosperità tal-Ewropa, bil-Kanċillier Ġermaniż Angela Merkel u mill-President Franċiż Emmanuel Macron, indirizzat l-istess kwistjoni. Din id-dikjarazzjoni sejħet biex *“jiġu miflija modi ġodda kif tista’ tiżdied il-ħeffa u l-effikaċja tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-UE fil-Politika Eстера u ta’ Sigurtà Komuni tagħna”* u *“jiġu esplorati l-possibilitajiet tal-użu tal-vot tal-maġġoranza fil-qasam tal-Politika Eстера u ta’ Sigurtà Komuni fi ħdan il-qafas ta’ dibattitu aktar wiesa’ fuq vot maġġoritarju rigward il-politiki tal-UE.”*<sup>5</sup>.

Din id-diskussjoni ilha għaddejja ħafna żmien. L-UE mxiet gradwalment mill-unanimità għall-votazzjoni b’maġġoranza kwalifikata diversi drabi fl-istorja tagħha. Il-maġġoranza kwalifikata, li ddaħħlet għall-ewwel darba permezz tal-Att Uniku Ewropew<sup>6</sup>, illum hija r-regola standard ta’ votazzjoni għat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-UE, inkluż fil-qasam tal-Ġustizzja u Affarijiet Interni. Ir-raġuni biex l-unanimità tiġi ssostitwita bil-maġġoranza kwalifikata hija sempliċi, konvinċenti u dejjem kienet l-istess. L-Istati Membri għarfu li meta jintlaħaq ċertu livell ta’ ambizzjoni f’qasam ta’ politika partikolari, jiġi mument meta **r-regola tal-unanimità xxekkel il-progress u f’xi każijiet tipprevjeni lill-UE** milli taġġusta għar-realtajiet li jkun qed jinbidlu. F’dan is-sens, kull pass lejn il-maġġoranza kwalifikata kien pass kbir ‘il quddiem għall-UE.

Il-votazzjoni b’maġġoranza kwalifikata, li hija bbażata fuq **il-kultura tal-kompromess**, tiftaħ aktar spazju għal diskussjoni u għal riżultati prammatiċi li jirriflettu l-interessi ta’ kulħadd. Għalhekk, it-teħid ta’ deċiżjonijiet b’mod flessibbli, effiċjenti u b’ħeffa, ippermetta lill-Unjoni **ssir referenza u standard globali** f’oqsma ta’ politika bħall-protezzjoni ambjentali u tal-konsumatur, il-protezzjoni tad-data kif ukoll tal-kummerċ ħieles u ġust.

L-UE qed issir attur dinji dejjem aktar importanti u titqies minn bosta madwar id-dinja bħala l-aqwa difensur tal-valuri universali. Mill-iffaċilitar tan-normalizzazzjoni tar-relazzjonijiet bejn Belgrad u Pristina, ir-reazzjoni għall-ksur tad-dritt internazzjonali mill-Federazzjoni Russa fil-penisula tal-Krimea u fil-Lvant tal-Ukraina, il-bidu tan-negożjati u s-senserija tagħhom fir-rigward tal-programm nukleari Iranjan, l-Unjoni appoġġat b’mod konsistenti l-paċi u l-prosperità fil-viċinat tagħha u lil hinn minnu.

Madankollu, iktar votazzjonijiet b’maġġoranza kwalifikata jkunu ta’ benefiċċju għall-Politika Eстера u ta’ Sigurtà Komuni. Din il-Komunikazzjoni tistabbilixxi l-loġika għal teħid ta’ deċiżjonijiet b’mod aktar effiċjenti f’xi oqsma tal-Politika Eстера u ta’ Sigurtà Komuni, tesplora l-possibilitajiet li jeżistu fit-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea biex isir dan u tidentifika **oqsma konkreti u fattibbli, fejn il-Kunsill jista’ jaġixxi b’maġġoranza kwalifikata**

<sup>4</sup> Id-diskors tal-President Juncker [tal-2017 dwar l-Istat tal-Unjoni](#).

<sup>5</sup> [Id-Dikjarazzjoni ta’ Meseberg](#) mill-President Franċiż Emmanuel Macron u mill-Kanċillier Ġermaniż Angela Merkel. Matul il-Konvenzjoni Ewropea, diversi Stati Membri diġà kienu rrikonoxxew l-importanza li tinbidel id-direzzjoni u li tiddaħħal il-votazzjoni b’maġġoranza kwalifikata. Din kienet, b’mod partikolari, il-pożizzjoni ta’ Franza u tal-Ġermanja (Réf. Contribution franco-allemande à la Convention européenne sur l’architecture institutionnelle de l’Union du 15 janvier 2003, faite à Paris et à Berlin; Contribution de M. Dominique de Villepin et M. Joschka Fischer).

<sup>6</sup> Għal aktar informazzjoni, [il-proġett ta’ integrazzjoni Ewropea permezz tat-Trattati](#) fis-sommarji tal-EUR-lex tal-leġiżlazzjoni tal-UE.

minflok ma' jippersisti bl-unanimità. L-ispeċifitàjiet tal-politika estera huma riflessi fit-Trattati. Jeżistu salvagwardji mfassla apposta u se jkomplu japplikaw. Fi stadju aktar tard, il-Kummissjoni tista' tesplora kif votazzjoni b'maġġoranza kwalifikata tista' tintuża biex isaħħaħ aktar ir-relazzjonijiet tal-Unjoni ma' pajjiżi terzi.

## 2. Ir-raġunijiet favur aktar votazzjoni b'maġġoranza kwalifikata fil-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni

Fil-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni, il-biċċa l-kbira tad-deċiżjonijiet tal-UE jiġu adottati b'unanimità. Normalment, dan ma impedixxiex lill-Unjoni milli **tkun attiva u milli tieħu pożizzjonijiet qawwija** fi kwistjonijiet ta' politika barranija. Iżda dan affettwa dejjem aktar il-**ħeffa u l-ħila** tal-UE li taġixxi fl-arena dinjija. Fil-politika internazzjonali, iż-żmien huwa essenzjali u l-kredibbiltà ta' attur internazzjonali tiddependi fuq il-kapaċità tiegħu li jirreaġixxi malajr u b'mod koerenti għall-kriżijiet u l-avvenimenti internazzjonali. Bl-istess mod, is-saħħa, l-effettività u l-impatt ta' attur globali jiddependu fuq il-ħila tiegħu li jaġixxi b'mod konsistenti u effiċjenti fix-xena internazzjonali u f'fora globali.

Mit-Trattat ta' Maastricht tal-1992, fejn l-Istati Membri taw is-setgħa lill-Unjoni għall-ewwel darba biex taġixxi fi kwistjonijiet ta' politika barranija u ta' sigurtà, sar progress konsiderevoli permezz tal-iżvilupp sostanzjali tal-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni tal-UE u tal-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni. Madankollu, għad hemm każijiet fejn l-UE ma jirnexxilhiex tasal għal pożizzjonijiet komuni, jew inkella ma jkunux sodi jew fil-pront biżżejjed (ara t-taqsima 3).

Dawk il-każijiet għandhom kost politiku reali għall-Unjoni u għall-Istati Membri tagħha: L-istituzzjonijiet tal-UE ma jkunux jistgħu jaġixxu b'mod deċiżiv, l-Istati Membri li huma aktar attivi internazzjonalment jiġu limitati biex jirrappreżentaw il-pożizzjonijiet individwali tagħhom minflok il-piż kombinat ta' 28, u l-Istati Membri li ma għandhomx siġġu mal-mejda tan-negożjati ma jkunux jistgħu jeżerċitaw influwenza diretta fuq il-kwistjoni involuta.

Il-fatt li tali każijiet għadhom iseħħu juri li r-regola tal-unanimità timpedixxi lill-Unjoni milli tilħaq il-potenzjal sħiħ tagħha fil-politika barranija. F'perspettiva tal-2025, se jkun essenzjali li dawn il-limiti jingħelbu minħabba t-tkabbir possibbli tal-UE. L-UE trid tkun aktar b'saħħitha u aktar soda, qabel ma tista' tkun akbar<sup>7</sup>.

Fil-ġejjieni, għalhekk, ċerti deċiżjonijiet tal-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni **għandhom jittieħdu b'maġġoranza kwalifikata**. L-użu tal-maġġoranza kwalifikata jista' jagħmel l-Unjoni attur internazzjonali aktar b'saħħtu, aktar effettiv u aktar kredibbli, peress li jista' jagħmilha aktar faċli għall-Unjoni:

- Li taġixxi fix-xena globali fuq il-bażi ta' **pożizzjonijiet sodi u konsistenti**;
- Li tirreaġixxi b'**ħeffa u effiċjenza** għal sfidi tal-politika barranija pressanti, kemm fejn hemm bżonn li tiġi stabbilita pożizzjoni għda u kemm fl-implimentazzjoni ta' strateġija miftiehma;
- Biex tissaħħaħ ir-**reżiljenza tal-UE** billi tipproteġi lill-**Istati Membri** milli jitpoġġew taħt pressjoni mmirata minn pajjiżi terzi li jippruvaw jifirdu l-UE.

<sup>7</sup> Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni "Perspettiva kredibbli għat-tkabbir u involviment akbar tal-UE mal-Balkani tal-Punent", COM (2018) 65 final.

Meħuda flimkien, dawn għandhom jgħinu lill-Unjoni tuża l-piż tagħha, għax meta taġixxi flimkien dan il-piż ikun aktar mis-somma tal-partijiet tagħha. L-esperjenza minn oqsma oħra ta' politika fejn il-maġġoranza kwalifikata hija r-regola turi li l-maġġoranza kwalifikata trawwem soluzzjonijiet komuni. Il-prattika wriet li fejn tapplika l-maġġoranza kwalifikata, fil-fatt il-biċċa l-kbira tad-deċiżjonijiet jittieħdu b'konsens. Il-prospett ta' vot b'maġġoranza kwalifikata huwa katalist qawwi sabiex l-atturi kollha jagħmlu sforz biex jintlaħqu compromessi, **riżultat aċċettabbli għal kulħadd** billi wieħed jasal għal konsens effettiv, **u jikseb l-unità**. Sforz biex jintlaħaq ftehim ifisser pussess akbar tad-deċiżjonijiet meħuda, li għandhom jiġu implimentati fi "*spirtu ta' lealtà u solidarjeta' reċiproka*"<sup>8</sup>.

Barra minn hekk, b'riflessjoni tal-ispeċifità tal-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni, u sabiex jiġu protetti l-interessi u l-prerogattivi ewlenin tal-Istati Membri, it-Trattat jipprevedi **salvagwardji importanti** f'każ li tintuża l-votazzjoni b'maġġoranza kwalifikata (ara taqsima 4).

**Meta wieħed iqis il-kultura ta' compromess tal-UE**, u meta jitqiesu dawn is-salvagwardji, il-maġġoranza kwalifikata tiffunzjona tajjeb fil-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni daqstant ieħor kif tiffunzjona tajjeb f'oqsma oħra tal-politika tal-UE.

#### **L-eżempju tal-Politika Kummerċjali**

**Il-politika kummerċjali** hija qasam fejn tapplika l-maġġoranza kwalifikata<sup>9</sup>. Hija politika tal-UE li fiha l-Kunsill ta' spiss jieħu deċiżjonijiet. Madankollu, minkejja l-eżistenza ta' interessi ekonomiċi nazzjonali diverġenti, sal-ġurnata tal-lum il-Kunsill kważi qatt ma wasal sa vot formali. L-Istati Membri dejjem ippreferew jiddeċiedu b'**konsens**. Dak li ppredomina huwa l-interess komuni tal-Unjoni, li huwa aktar mis-somma tal-interessi tal-Istati Membri miġbura flimkien. U dan wassal biex l-UE tkun f'pożizzjoni li tirrealizza l-potenzjal kollu tagħha fil-kummerċ dinji.

Aktar votazzjonijiet b'maġġoranza kwalifikata fihom infushom mhux se jsolvu l-problemi kollha li qed tiffaċċja l-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni. Jifdal sfidi oħrajn, bħat-trawwim ta' konverġenza akbar bejn l-interessi tal-Istati Membri u l-ħolqien ta' kultura ta' politika barranija komuni. Dan huwa l-għan ewleni tal-Istrateġija Globali tal-UE dwar il-Politika Estera u ta' Sigurtà, milqugħa tajjeb mill-Istati Membri kollha. Maż-żmien, madankollu, il-bini ta' pożizzjonijiet tal-UE permezz tal-proċess prammatiku li tinċentiva l-votazzjoni b'maġġoranza kwalifikata, jista' wkoll jgħin biex b'mod progressiv jitrawwem sens ta' skop u interessi komuni li l-Istati Membri kollha jkunu kuntenti jsegwu. Hemm ukoll sfida biex jiġi żgurat li l-Istati Membri jimplimentaw u jiddefendu b'mod effettiv il-pożizzjonijiet maqbula fil-Kunsill fir-relazzjonijiet bilaterali tagħhom ma' pajjiżi terzi. L-ambizzjonijiet tal-Istati Membri fir-rigward tal-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni għandhom jiġu riflessi wkoll fil-kapaċità baġitarja tal-Unjoni fil-Qafas Finanzjarju Pluriennali li jmiss.

### **3. Eżempji fejn ir-regola tal-unanimità ddgħajjef il-Politika Barranija u ta' Sigurtà Komuni tal-UE**

F'dawn l-aħħar snin ittieħdu ħafna deċiżjonijiet importanti fil-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni. Barra minn hekk, l-Unjoni użat strumenti oħra tal-politika esterna tagħha biex

<sup>8</sup> L-Artikolu 24(3) TUE.

<sup>9</sup> B'eċċezzjonijiet limitati ħafna u kundizzjonali fl-Artikolu 218(8) TFUE, l-ewwel subparagrafu.

tippromwovi l-valuri tagħha madwar id-dinja u għamlet dan billi użat il-votazzjoni b'maġġoranza kwalifikata.

**Eżempji ta' atti tal-UE li jippromwovu l-valuri tagħha fir-relazzjonijiet esterni tagħha rregolati bil-votazzjoni b'maġġoranza kwalifikata**

- Il-preferenzi kummerċjali jingħataw lil pajjiżi terzi **skont is-Sistema Ġeneralizzata ta' Preferenzi**. Il-pajjiżi li ma jirrispettawx id-drittijiet bażiċi tal-bniedem jista' jkollhom dawn il-preferenzi sospiżi, b'konsegwenzi ekonomiċi kbar. L-UE ssuspendiet jew irtirat il-preferenzi kummerċjali taħt din is-sistema mill-Myanmar, il-Belorusja u s-Sri Lanka wara ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem.
- L-oqfsa ġuridiċi tal-UE kemm dwar **il-kontrolli fuq l-esportazzjoni ta' strumenti użati għat-tortura u għall-piena tal-mewt u fuq oġġetti b'użu doppju** jiġu adottati b'maġġoranza kwalifikata.

Kien hemm eżempji fejn minħabba l-użu tal-unanimità, deċiżjonijiet tal-UE dwar kwistjonijiet importanti tal-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni, b'mod partikolari dwar id-drittijiet tal-bniedem, sanzjonijiet tal-UE jew reġjuni ewlenin ta' interess għall-UE ġew imblukkati, meħuda bil-mod wisq jew imdgħajfa. **Dawn il-każijiet juru l-ħtieġa li tiżdied l-effiċjenza tal-Unjoni fil-politika estera tagħha.**

**Każijiet fejn l-unanimità impedixxiet jew ittardjat b'mod sostanzjali jew ħalliet impatt negattiv fuq is-sustanza tad-deċiżjonijiet tal-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni**

*Id-Drittijiet tal-Bniedem*

Wieħed mill-oġġettivi ewlenin tal-Unjoni huwa li tippromwovi d-drittijiet tal-bniedem. F'dawn l-aħħar snin kien hemm ċerti każijiet, fejn Stat Membru jew diversi Stati Membri, għal raġunijiet mhux relatati mad-drittijiet tal-bniedem, dewmu, imblokkaw jew naqqsu l-impatt tal-pożizzjonijiet tal-Unjoni. Dan seħħ kemm fil-qafas tar-relazzjonijiet bilaterali tal-Unjoni ma' pajjiżi terzi kif ukoll f'organizzazzjonijiet internazzjonali. Kull wieħed minn dawn il-każijiet dgħajfef l-abbiltà tal-Unjoni biex tippromwovi r-rispett tad-drittijiet tal-bniedem fuq livell internazzjonali, kellu impatt negattiv fuq il-kredibbiltà tagħha u waqqafha milli tilħaq l-oġġettivi tagħha.

- Il-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-Nazzjonijiet Uniti f'Ġinevra huwa l-forum ewlieni globali fejn jiġu diskussi d-drittijiet tal-bniedem. Il-programm tiegħu huwa strutturat fuq għaxar (10) punti. Is-sitwazzjonijiet l-aktar importanti marbuta ma' pajjiżi speċifiku huma diskussi taħt il-Punt 4.

F'Ġunju 2017, l-UE ma setgħetx **għall-ewwel darba** tagħmel Dikjarazzjoni dwar il-Punt 4 fil-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-Nazzjonijiet Uniti. Dan seħħ minħabba oġġezzjonijiet minn għadd limitat ta' Stati Membri, li ma kinux ipoġġu f'dubju s-sustanza tal-valutazzjonijiet li saru. L-Istati Membri opponew referenzi espliċiti għal żewġ pajjiżi terzi li l-Istati Membri l-oħra kollha riedu jsemmu minħabba r-rekord tagħhom tad-Drittijiet tal-Bniedem. Peress li dan l-istagħnar ma ngħelibx l-UE spiċċat biex ma semmgħetx leħinha.

- F'Settembru 2017, Stat Membru dewwem b'mod sostanzjali l-adozzjoni tal-Pjan ta' Ħidma Strateġika tal-UE għall-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU u d-Dikjarazzjoni tal-UE dwar il-Punt 4 minħabba kwistjoni speċifika ma' Stat terz.

F'Ottubru, l-istess Stat Membru mblokka l-abbozz tad-Dikjarazzjoni tal-UE li se tiġi ppreżentata quddiem it-Tielet Kumitat tal-Assemblea Ġenerali tan-NU, u dan wassal biex iġiegħel lill-oħrajn kollha jaċċettaw dik li ġeneralment kienet meqjusa bħala referenza sproporzjonata għal każ speċifiku kemm fis-sustanza kif ukoll fit-tul meta mqabbel mar-referenzi l-oħra kollha fid-Dikjarazzjoni.

- Fi Frar 2018, għadd ta' oġġezzjonijiet iżolati minn għadd limitat ta' Stati Membri ttardjaw b'mod sostanzjali u fl-aħħar mill-aħħar ġiegħlu lill-oħrajn kollha jaċċettaw li jnaqqsu s-saħħa tal-adozzjoni tal-prijoritajiet annwali dwar id-Drittijiet tal-Bniedem li għandhom jiġu segwiti mill-UE fil-fora tan-Nazzjonijiet Uniti.
- Diffikultajiet bħal dawn inħolqu wkoll fir-relazzjonijiet bilaterali tal-UE ma' pajjiżi terzi. Fl-isfond ta' liġi ġdida li tirrestrinġi severament l-ispazju għall-Organizzazzjonijiet Mhux Governattivi fl-Eġittu, għadd limitat ta' Stati Membri mblukkaw u fl-aħħar mill-aħħar marru sostanzjalment kontra x-xewqa tal-Istati Membri l-oħra kollha li jinkludu lingwaġġ ċar fl-abbozz tal-Prijoritajiet tas-Sħubija tal-UE mal-Eġittu fir-rigward tar-rispett għad-Drittijiet tal-Bniedem u s-Soċjetà Ċivili. B'riżultat ta' dan, il-qafas tar-relazzjonijiet bilaterali mal-Eġittu ma setax jiġi mġedded fil-ħin u kien għadu mhux lest sal-bidu tal-2017.

#### *Stqarrijiet oħra tal-politika estera tal-UE*

- F'Lulju 2016, l-UE **ma setgħetx tappoġġa b'heffadeċizjoni** ta' tribunal tal-arbitraġġ skont il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar fuq il-Baħar tan-Nofsinhar taċ-Ċina minħabba l-oġġezzjoni minn għadd limitat ta' Stati Membri, mhux relatati mad-deċiżjoni inkwistjoni. Fl-aħħar, wara bosta jiem ta' negozjati intensi, intlaħaq qbil dwar dikjarazzjoni. Madankollu, **filwaqt li l-UE irnexxielha, tard, issejjaħ biex jiġi rrispettat id-dritt internazzjonali, ma setgħetx titlob li d-deċiżjoni tiġi implimentata.** Dan kien partikolarment problematiku fid-dawl tas-Samit bejn l-UE u ċ-Ċina u tas-Samit tal-Laqgħa Asja Ewropa (ASEM) li kienu qed iseħħu b'mod parallel.
- F'Diċembru 2017 u f'Mejju 2018, ir-rekwiżit tal-unanimità dwar kull aspett ta' abbozzi komprensivi **żamm lill-UE milli toħroġ dikjarazzjonijiet unifikati** dwar l-iżviluppi fir-rigward ta' Ġerusalem, minkejja l-qbil kontinwu tal-Istati Membri dwar pożizzjoni antika u stabbilita sew dwar l-istatus ta' Ġerusalem f'konformità mad-dritt internazzjonali.

Fiż-żewġ każijiet, l-Unjoni ma setgħetx tirreaġixxi fil-ħin u bis-saħħa għal żvilupp internazzjonali li l-pożizzjoni tagħha dwaru kienet ċara u stabbilita sew.

#### *Sanzjonijiet tal-UE*

- Fi Frar 2017, Stat Membru **imblokka t-tiġdid tal-embargo fuq l-armi kontra l-Belaruſsja** sakemm l-Istati Membri l-oħra kollha finalment qablu li jeżentaw ċerta kategorija ta' armi żgħar biex jiġi evitat li l-embargo li jiskadi għal kollox. Sena wara, l-istess Stat Membru kkundizzjona t-tiġdid għal żieda fl-eċċezzjoni ta' kategorija addizzjonali ta' armi, li għal darb'oħra l-Istati Membri l-oħra kollha finalment aċċettaw għall-istess raġuni.

- Fis-sajf tal-2017, **Stat Membru imblokkja l-adozzjoni ta' miżuri restrittivi tal-UE mmirati kontra l-Venezwela** li kienu se jiġu adottati b'reazzjoni għall-iżviluppi politiċi domestiċi, liema miżuri aktar kmieni l-UE kienet indikat li se jiġu adottati jekk iseħħu l-iżviluppi. Il-miżuri restrittivi inkwistjoni finalment ġew adottati f'Novembru 2017 wara deterjorament sostanzjali ulterjuri tas-sitwazzjoni fuq il-post.

Għal darb' oħra, dawn l-eżempji juru li l-votazzjoni unanima fil-Kunsill tfixxkel il-kapaċità tal-Unjoni Ewropea li tirreaġixxi malajr u b'sodizza għall-iżviluppi internazzjonali. -Filwaqt li l-istabbiliment ta' reġimi ta' sanzjonijiet taħt il-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni jiġu deċiżi b'unanimità, ir-reġim tal-kontrosanzjonijiet tal-UE, li jissejjaħ ukoll Blocking Statute<sup>10</sup> huwa rregolat b'maġġoranza kwalifikata, li jippermetti li jiġi aġġornat b'reazzjoni għal avvenimenti internazzjonali bla telf ta' żmien.

*Missjonijiet ċivili tal-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni*

- Aktar reċentement, fl-2018, **ġiet imblukkata l-estensjoni ta' missjoni ta' bini ta' kapaċità fis-Sahel** minn Stat Membru wieħed sakemm Stat Membru ieħor neħħa r-riżervi tiegħu dwar missjoni separata fl-Iraq. Sfortunatament, dan ma kienx l-ewwel każ fejn Stat Membru oppona jew dewwem l-iżvilupp ta' fajl speċifiku tal-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni, minħabba li Stat Membru ieħor għamel l-istess fuq fajl ieħor. Sitwazzjonijiet bħal dawn qatt ma waqqfu lill-UE milli finalment timxi 'l quddiem iżda — f'xi każijiet — ittardjaw l-adozzjoni tad-deċiżjonijiet meħtieġa.

Id-dewmien fit-teħid tad-deċiżjonijiet **minħabba l-unanimità** jmorru lil hinn minn deċiżjonijiet biex jitnedew u jiġu stabbiliti missjonijiet ċivili tal-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni, iżda jkopru wkoll aspetti ta' implimentazzjoni Prattika, bħall-approvazzjoni tar-Rapporti mandatorji ta' Kull Sitt Xhur li kull missjoni ċivili tal-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni trid tippreżenta regolarment lill-Kunsill.

Dawn u sitwazzjonijiet simili ma ġewx ikkawżati minn differenzi f'interessi fit-tul li ma setgħux jintgħelbu, iżda minħabba li l-possibbiltà li jużaw il-veto tippermetti lill-Istati Membri jimblokkaw il-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet għal raġunijiet mhux dejjem relatati mal-kwistjoni speċifika kkonċernata u tiskoraġġihom milli jfittxu kompromess kostruttiv.

Huwa importanti li wieħed jinnota li fil-biċċa l-kbira tal-eżempji mogħtija hawn fuq, bis-saħħa tax-xogħol iebes tal-partijiet kollha involuti, spiss instabu soluzzjonijiet. Madankollu, dawn is-soluzzjonijiet kellhom prezz. Ħafna drabi, id-diskussjonijiet imtawla minħabba l-użu tal-“veto” ta' spiss għabu **firda** u għamlu ħsara lill-influwenza u lill-koeżjoni tal-UE.

#### **4. Il-qafas eżistenti tat-teħid tad-deċiżjonijiet fil-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni**

It-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea jistabbilixxi r-regola ġenerali li l-Kunsill jadotta d-deċiżjonijiet dwar il-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni **b'unanimità** (l-Artikoli 24(1) u 31(1) tat-Trattat)<sup>11</sup>. Din ir-regola baqgħet l-istess sa mit-Trattat ta' Maastricht. Fl-istess ħin,

<sup>10</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2271/96 tat-22 ta' Novembru 1996 li jipproteġi kontra l-effetti ta' l-applikazzjoni estraterritorjali tal-leġislazzjoni adottata minn pajjiż terz, u l-azzjonijiet ibbażati fuqha jew li jirriżultaw minnha. ĠU L 309, 29.11.1996, p. 1–6.

<sup>11</sup> L-oqsma l-oħra fejn id-deċiżjonijiet jiġu adottati b'mod unanimu huma t-tassazzjoni, is-sigurtà soċjali jew il-protezzjoni soċjali, l-adeżjoni ta' pajjiżi ġodda mal-UE u l-kooperazzjoni operazzjonali tal-pulizija.



**teżisti r-regola tal-maġġoranza kwalifikata u diġà hija applikabbli f'ċerti każijiet fil-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni.**

#### **4.1. Filwaqt li l-unanimità hija r-regola ġenerali għat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni...**

Ir-regola tal-unanimità fil-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni hija f'kuntrast ma' oqsma oħra ta' azzjoni esterna tal-UE (bħall-politiki tal-Unjoni dwar l-iżvilupp u l-kooperazzjoni internazzjonali jew il-kummerċ) fejn ir-regola ġenerali hija li d-deċiżjonijiet jittieħdu b'maġġoranza kwalifikata<sup>12</sup>.

Biex jirrifletti d-diffikultajiet li din ir-regola tista' twassal għalihom, it-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea jipprevedi regola li għandha l-għan li tiffaċilita l-adozzjoni ta' deċiżjonijiet b'unanimità, li tagħti marġni ta' flessibbiltà li jappoġġa l-effettività mtejbja fid-dawl tal-adozzjoni ta' deċiżjonijiet.

L-hekk imsejħa “**astensjoni kostruttiva**” (l-Artikolu 31(1) it-2 paragrafu TUE) tipprevedi d-dritt li Stat Membru jastjeni minn vot unanimu fil-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni u li jikkwalifika l-astensjoni tiegħu billi jagħmel dikjarazzjoni formali. L-Istat Membru ma jkunx obligat japplika d-deċiżjoni. Madankollu, fi spirtu ta' solidarjetà, l-Istat Membru huwa obligat iżomm lura minn azzjonijiet li jimpedixxu l-isforzi tal-Unjoni biex timplimenta d-deċiżjoni inkwistjoni.

Sa issa, l-astensjoni kostruttiva ntużat darba biss, minn Stat Membru meta fl-2008<sup>13</sup> l-UE ddeċidiet li tistabbilixxi missjoni Ċivili tal-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni għall-Kosovo\*.

#### **Tfakkira — il-proċeduri tal-votazzjoni fil-Kunsill**

**Maġġoranza sempliċi (l-Artikolu 238 TFUE):** Maġġoranza sempliċi hija ta' 15 minn 28 Stat Membru.

**Maġġoranza kwalifikata (l-Artikolu 16 TUE u l-Artikolu 238(3) TFUE):** Il-maġġoranza kwalifikata wara l-2014 tintlaħaq jekk 55 % tal-Istati Membri jivvutaw favur, li fil-prattika jfisser 16 minn 28, u jekk l-Istati Membri favur jirrappreżentaw mill-inqas 65 % tal-popolazzjoni totali tal-UE. Astensjoni tgħodd bħala vot kontra.

**L-unanimità (l-Artikolu 238(4) TFUE):** Iridu jaqblu l-Istati Membri kollha qabel ma tiġi adottata deċiżjoni. Astensjoni ma żżommx milli jiġu adottati deċiżjonijiet meħuda mill-Kunsill li jagħtixxi b'mod unanimu.

<sup>12</sup> Filwaqt li oqsma oħra tal-azzjoni esterna tal-UE huma skont id-dispożizzjonijiet tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, il-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni hija taħt id-dispożizzjonijiet tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.

<sup>13</sup> Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2008/124/PESK tal-4 ta' Frar 2008, ĠU L 42, 16.2.2008, p. 92-98.

\* Dan l-isem huwa mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet dwar l-istatus, u huwa konformi mal-UNSCR 1244 (1999) u mal-Opinjoni tal-QIĠ dwar id-dikjarazzjoni tal-indipendenza tal-Kosovo.

#### 4.2. ... hija prevista votazzjoni b'maġġoranza kwalifikata u hija diġà applikabbli f'ċerti każijiet għall-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni...

Fl-1990, il-Kunsill Ewropew diġà kien iddikjara li votazzjoni b'maġġoranza kwalifikata għandha titqies għall-implimentazzjoni tal-Politiki Esteri u ta' Sigurtà Komuni li diġà kien hemm qbil dwarhom<sup>14</sup>. Fid-dawl ta' dan l-għan, l-Istati Membri qablu, permezz ta' emendi suċċessivi fit-trattat, li jkun hemm żvilupp gradwali lejn li deċiżjonijiet jibdew jittieħdu b'maġġoranza kwalifikata. L-Artikolu 31(2) TUE **għandu potenzjal kbir li, sa issa, baqa' ma ġiex sfruttat.**

**L-Artikolu 31(2) TUE jipprevedi li l-Kunsill jiddeċiedi b'maġġoranza kwalifikata dwar il-kwistjonijiet tal-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni fil-każijiet li ġejjin<sup>15</sup>:**

Każijiet li fihom l-Artikolu 31(2) TUE **jippermetti** li ssir votazzjoni b'maġġoranza kwalifikata

- *“azzjoni jew pożizzjoni tal-Unjoni abbażi ta' deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew relatata mal-interessi u l-oġettivi strateġiċi tal-Unjoni kif imsemmi fl-Artikolu 22(1) TUE”.*

Din id-dispożizzjoni toffri lill-Kunsill Ewropew il-possibbiltà li jadotta Deċiżjoni unanima, li tistabbilixxi l-interessi u l-oġettivi strateġiċi tal-UE f'qasam speċifiku wieħed jew aktar tal-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni. Ladarba l-Kunsill Ewropew jistabbilixxi l-oġettivi u l-prinċipji strateġiċi tal-azzjoni jew tal-pożizzjoni prevista, il-Kunsill imbagħad jadotta d-deċiżjonijiet kollha li jimplimentaw id-deċiżjonijiet strateġiċi tal-Kunsill Ewropew b'maġġoranza kwalifikata.

- *“meta jadotta deċiżjoni li tiddefinixxi azzjoni jew pożizzjoni tal-Unjoni, fuq proposta ppreżentata mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà wara talba speċifika lil mill-Kunsill Ewropew fuq inizzjattiva ta' dan stess jew fuq dik tar-Rappreżentant Għoli”*

Din id-dispożizzjoni tippermetti lill-Kunsill Ewropew (jew fuq inizzjattiva tiegħu stess jew wara proposta mir-Rappreżentant Għoli) biex b'mod unanimu jitlob lir-Rappreżentant Għoli jissottometti proposta lill-Kunsill għal deċiżjoni li tiddefinixxi azzjoni jew pożizzjoni tal-Unjoni. F'każijiet bħal dawn, il-Kunsill jiddeċiedi b'maġġoranza kwalifikata. Il-kontenut potenzjali ta' talba bħal din tal-Kunsill Ewropew mhuwiex definit fit-Trattati u għalhekk jista' jinkludi l-oqsma kollha tal-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni.

Każijiet li fihom l-Artikolu 31(2) TUE **jeżiġi** li ssir votazzjoni b'maġġoranza kwalifikata

- *“implimentazzjoni ta' deċiżjoni li tiddefinixxi azzjoni jew pożizzjoni tal-Unjoni”.*

<sup>14</sup> Ara l-Konklużjonijiet tal-Kunsill bi thejġija għall-Konferenza Intergovernattiva ta' qabel il-konklużjoni tat-Trattat ta' Maastricht, [http://www.consilium.europa.eu/media/20554/1990\\_october\\_-\\_rome\\_eng\\_.pdf](http://www.consilium.europa.eu/media/20554/1990_october_-_rome_eng_.pdf).

<sup>15</sup> Artikoli oħra fejn id-deċiżjonijiet għandhom jiġu adottati b'maġġoranza kwalifikata skont it-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea: L-Artikolu 41(3) TUE, l-Artikolu 45(2) u l-Artikolu 46(2) TUE. Dan l-aħħar, fuq il-bażi tal-Artikolu 46(2) TUE, maġġoranza kbira ta' Stati Membri ddeċidew li jimxu 'l quddiem fil-kooperazzjoni Ewropea dwar id-difiża billi adottaw deċiżjoni permezz ta' votazzjoni b'maġġoranza kwalifikata għat-twaqqif tal-Kooperazzjoni Strutturata Permanenti fis-sigurtà u d-difiża. L-istabbiliment ta' tali tip ta' kooperazzjoni se jtejjeb il-kapaċità tal-UE bħala sieħeb internazzjonali fis-sigurtà u se jimmassimizza l-effettività tal-infiq fuq id-difiża tal-Istati Membri.

Dan jikkonċerna s-sitwazzjoni wara l-adozzjoni mill-Kunsill ta' azzjoni jew pożizzjoni inizjali b'unanimità, il-Kunsill jadotta d-deċiżjonijiet ulterjuri kollha ta' implimentazzjoni permezz ta' maġġoranza kwalifikata.

- *“ħatra ta' rappreżentant speċjali (fuq proposta mir-Rappreżentant Għoli/Viċi President) skont l-Artikolu 33 TUE”.*

Ir-rappreżentanti speċjali għandhom mandat fir-rigward ta' kwistjonijiet partikolari tal-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni. Il-maġġoranza kwalifikata ħadmet tajjeb fil-prattika u dan wassal għal deċiżjonijiet b'ħeffa, mingħajr lanqas biex ma kellhom isiru votazzjonijiet formali. Bħal f'oqsma oħra ta' teħid ta' deċiżjonijiet b'maġġoranza kwalifikata, il-ħatra ta' rappreżentanti speċjali minn dejjem ġiet deċiża b'kunsens.

It-TUE jistabbilixxi **żewġ salvagwardji importanti** li jinkwadraw l-użu tal-votazzjoni b'maġġoranza kwalifikata fi kwistjonijiet tal-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni.

#### **Salvagwardji għall-użu tal-maġġoranza kwalifikata fil-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni**

- L-Artikolu 31(2) TUE jipprevedi **“pawża ta' emerġenza”** li tippermetti lil Stat Membru **joġġezzjona li deċiżjoni tittieħed b'maġġoranza kwalifikata għal “raġunijiet vitali u dikjarati ta' politika nazzjonali”**, f'liema każ ma jittiehdx vot. Jekk il-konsultazzjonijiet bejn ir-Rappreżentant Għoli u l-Istat Membru inkwistjoni ma jirnexxux, il-Kunsill tal-UE jista', permezz ta' talba b'maġġoranza kwalifikata, jirreferi l-kwistjoni lill-Kunsill Ewropew għal deċiżjoni **b'unanimità**.
- L-Artikolu 31(4) TUE **jeskludi deċiżjonijiet li jkollhom implikazzjonijiet militari jew ta' difiża** mill-ambitu tal-Artikolu 31(2) TUE, u jiżgura li deċiżjoni b'dawn l-implikazzjonijiet ma titteħidx b'maġġoranza kwalifikata.

#### **4.3. . . . u l-użu tal-maġġoranza kwalifikata fil-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni tista' tiġi estiża aktar**

It-Trattat ta' Lisbona introduċa **l-possibbiltà li jkompli jitwessa' l-użu tal-votazzjoni b'maġġoranza kwalifikata**. Abbażi tal-hekk imsejħa **“klawżola passerelle” stabbilita fl-Artikolu 31(3) TUE**, il-Kunsill Ewropew jista' jawtorizza, b'unanimità, lill-Kunsill biex jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata f'każijiet oħra tal-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni minbarra dawk previsti fl-Artikolu 31(2) TUE.

Għalhekk, l-Istati Membri pprevedew b'mod ċar li biex l-Unjoni Ewropea ssir attur verament effettiv u effiċjenti fl-affarijiet barranin u tas-sigurtà, jista' jkun xieraq li l-Kunsill jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata lil hinn mill-każijiet speċifiċi kkontemplati fl-Artikolu 31(2) TUE.

Iż-żewġ salvagwardji deskritti fit-Taqsima 4.2 se jkomplu japplikaw wara li tkun intużat l-“passerelle” tal-Artikolu 31(3) TUE.

#### **5. Proposti konkreti biex jittejjeb it-teħid tad-deċiżjonijiet tal-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni permezz ta' votazzjoni b'maġġoranza kwalifikata**

Il-Kummissjoni għalhekk tistieden lill-Istati Membri biex jisfruttaw il-potenzjal tat-TEU fir-rigward tal-maġġoranza kwalifikata dwar kwistjonijiet tal-Politika Estera u ta' Sigurtà

Komuni. Il-Kummissjoni mhijiex qed tippromponi li l-Kunsill jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata fl-oqsma kollha tal-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni. Minflok, l-attenzjoni għandha tkun fuq oqsma fejn **il-votazzjoni b'maġġoranza kwalifikata twassal b'mod ċar għal differenza pożittiva**.

Ir-regoli tat-Trattat dwar **"l-astensjoni kostruttiva"** skont l-Artikolu 31(1) TUE u dwar l-użu tal-votazzjoni b'maġġoranza kwalifikata skont l-Artikolu 31(2) TUE għandhom potenzjal kbir. Dawn l-għodod, kieku ntużaw, kienu jippermettu li xi wħud mis-sitwazzjonijiet deskritti fit-taqsimha 3 jiġu indirizzati. Il-Kummissjoni għalhekk tinkoraġġixxi lill-Istati Membri fil-Kunsill **biex jisfruttaw dan il-potenzjal b'mod sħiħ billi japplikaw it-Trattati skont il-kontenut u l-ispirtu tagħhom**.

F'dan il-kuntest, il-Konklużjonijiet tal-Kunsill huma għodda utli biex jintlaħaq qbil politiku dwar il-pożizzjonijiet tal-UE dwar kwistjonijiet speċifiċi tal-politika estera. Madankollu, il-Kunsill għandu joqgħod lura milli jaqbel dwar pożizzjonijiet bi qbil komuni<sup>16</sup> dwar il-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni u dwar kwistjonijiet relatati oħrajn, permezz ta' proċeduri paralleli jew informali, meta jkun possibbli li jintużaw l-għodod previsti fit-Trattat. Dan jippermetti l-użu tal-potenzjal tal-Artikolu 31(1), l-Artikolu 31(2) u l-Artikolu 31(3) TUE.

Barra minn hekk, meta kwistjoni ma tkunx relatata mal-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni iżda ma' aspetti esterni ta' politika rregolata mit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, għandhom jintużaw il-bażijiet ġuridiċi korrispondenti biex jittieħdu d-deċiżjonijiet, u b'hekk ma tiġix applikata r-regola tal-unanimità. Il-potenzjal tan-netwerk mifrux tad-Delegazzjoni tal-UE madwar id-dinja u f'organizzazzjoni internazzjonali għandu jintuża bis-sħiħ<sup>17</sup>.

#### **Nisfruttaw il-potenzjal tad-dispożizzjonijiet eżistenti dwar il-votazzjoni b'maġġoranza kwalifikata skont l-Artikolu 31(2) TUE**

Il-Kunsill diġà uża votazzjoni b'maġġoranza kwalifikata meta emenda l-listi taħt il-miżuri restrittivi tal-UE (persuni u entitajiet soġġetti għall-iffriżar tal-assi u l-projbizzjoni tal-ivvjaġġar), essenzjalment f'każijiet li jirriflettu bidliet fis-sanzjonijiet internazzjonali adottati min-Nazzjonijiet Uniti u okkażjonalment għall-emenda tal-listi skont ir-reġim awtonomu tas-sanzjonijiet tal-UE fejn l-emenda nnifisha ma kinitx meqjusa sensittiva mill-Kunsill tal-UE<sup>18</sup>. Il-Kummissjoni tissuġġerixxi li, il-Kunsill **b'mod konsistenti juża votazzjoni b'maġġoranza kwalifikata biex jiġi emendati l-listi tar-reġimi kollha ta' sanzjonijiet tal-UE** — inklużi miżuri awtonomi — skont il-proċeduri fl-Artikolu 31(2) TUE (it-tielet inċiż).

Il-Kunsill Ewropew għandu l-prerogattiva li jidentifika l-interessi u l-oġġettivi strateġiċi tal-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni tal-UE, inkluż b'mod tematiku u fir-rigward tar-relazzjonijiet ma' pajjiż jew reġjun speċifiku<sup>19</sup>. Il-Kummissjoni tissuġġerixxi li l-Kunsill Ewropew jadotta deċiżjonijiet li jistabbilixxu l-istrateġiji tematiċi jew ġeografiċi, prijoritajiet jew linji gwida, li jistipulaw l-ambitu u l-kundizzjonijiet li taħtom il-Kunsill jista' jaġixxi

<sup>16</sup> Qbil komuni hija prattika mhux prevista mit-Trattati fejn l-Istati Membri kollha jaqblu b'mod espliċitu mingħajr il-possibbiltà ta' astensjoni.

<sup>17</sup> L-Artikolu 221 TFUE.

<sup>18</sup> Ara d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/1086 tat-30 ta' Lulju 2018 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja, ĠU L 194, 31.7.2018, p. 150-151.

<sup>19</sup> L-Artikoli 22(1), 22(2) u 26(1) TUE.

permezz ta' votazzjoni b'maġġoranza kwalifikata biex jimplimentawhom, skont l-Artikolu 31(2) TUE (l-ewwel inċiż).

Filwaqt li jekk jiġi sfruttat il-potenzjal tad-dispożizzjonijiet eżistenti tal-maġġoranza kwalifikata skont 31(2) TUE jkun jirrappreżenta titjib sinifikanti, dan ma jkoprix ħafna min-nuqqasijiet identifikati. Sabiex tindirizzahom, il-Kummissjoni tissuġġerixxi wkoll li jiġu esplorati soluzzjonijiet aktar strutturali, **li jsaħħu t-teħid tad-deċiżjonijiet tal-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni skont l-Artikolu 31(3) TUE bl-użu tal-“klawżola passerelle”**.

Il-Kummissjoni **identifikat tliet** oqsma speċifiċi li jistgħu jibbenefikaw immedjatament mill-applikazzjoni tal-klawżola “passerelle” prevista fl-Artikolu 31(3) TUE.

### 5.1. Il-pożizzjonijiet tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem f'fora multilaterali

L-universalità u l-indiviżibbiltà tad-drittijiet tal-bniedem huwa wieħed mill-prinċipji ewlenin li ispiraw il-ħolqien, l-iżvilupp u t-tkabbir tal-UE u li jiggwida l-azzjonijiet esterni tagħha<sup>20</sup>. L-għaqda politika dwar id-drittijiet tal-bniedem hija kruċjali biex tinżamm il-kredibbiltà internazzjonali u s-setgħa ta' perswazzjoni tal-UE, fil-fora multilaterali u lil hinn minnhom.

Meta jiġu diskussi l-pożizzjonijiet tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem li jkunu jridu jittieħdu f'fora internazzjonali fil-kuntest tal-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni, bħalissa dawn jiġu miftiehma bi qbil komuni, normalment fil-forma ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill. Il-bidla għal votazzjoni b'maġġoranza kwalifikata se tippermetti **azzjoni tal-UE aktar f'waqtha u aktar effiċjenti**. Sitwazzjonijiet bħal dawk ta' Ġunju 2017, meta l-Unjoni ma rnexxiliex tagħmel dikjarazzjoni dwar il-Punt 4 (Sitwazzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem li jeħtieġu l-attenzjoni tal-Kunsill) fil-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-Nazzjonijiet Uniti **ma jibqgħux possibbli**.

Il-Kummissjoni għalhekk tissuġġerixxi li **l-Kunsill Ewropew unanimament jadotta deċiżjoni bbażata fuq l-Artikolu 31(3) TUE li tipprevedi li l-pożizzjonijiet tal-UE dwar id-drittijiet tal-bniedem f'fora internazzjonali jiġu adottati b'maġġoranza kwalifikata fil-forma ta' deċiżjonijiet tal-Kunsill**.

### 5.2. Adozzjoni u emendar tar-reġimi tas-sanzjonijiet tal-UE

Il-politika tas-sanzjonijiet tal-UE hija waħda mill-aktar strumenti saħħithom tal-politika estera u tad-difiża tal-UE, peress li tingrana s-setgħa ekonomika sinifikanti tal-Unjoni biex tippromwovi l-oġettivi esteri tagħha. L-unità tal-azzjoni hija essenzjali sabiex jiġu ppreservati kundizzjonijiet ekwi fil-funzjonament tas-suq intern u l-effiċjenza tar-regoli komuni skont Schengen.

Matul l-aħħar snin, l-użu ta' miżuri restrittivi mill-UE żdied fil-frekwenza u fl-intensità, u dan juri r-rieda tal-UE li tirreaġixxi, tiskoraġġixxi u tinfluwenza l-iżviluppi permezz ta' pressjoni politika u ekonomika. Bħal fil-każ tal-politika kummerċjali fejn tapplika l-votazzjoni b'maġġoranza kwalifikata, id-definizzjoni ta' livell ta' ambizzjoni politika u l-identifikazzjoni ta' bilanċ xieraq bejn l-interessi ekonomiċi tal-Istati Membri hija fil-qalba ta' kwalunkwe negozjar ta' sanzjonijiet. Il-kapaċità tal-UE li taġixxi b'mod deċiżiv fl-interess

<sup>20</sup> Kif previst fl-Artikolu 21 TUE.

ġeopolitiku tagħha, aktar ta' spiss milli le bħala parti minn mobilizzazzjoni internazzjonali kontra ksur serju tad-dritt internazzjonali, hija fl-interess komuni tal-Istati Membri kollha.

Il-Kummissjoni għalhekk tissuġġerixxi li **l-Kunsill Ewropew unanimament jadotta deċiżjoni bbażata fuq l-Artikolu 31(3) TUE li tipprevedi li l-pożizzjonijiet tal-UE dwar id-drittijiet tal-bniedem f'fora internazzjonali jiġu adottati b'maġġoranza kwalifikata fil-forma ta' deċiżjonijiet tal-Kunsill<sup>21</sup>.**

### 5.3. Missjonijiet ċivili tal-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni

Il-missjonijiet Ċivili tal-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni għandhom rwol importanti fl-impenn dinji tal-UE lejn il-paċi u s-sigurtà. Sal-lum, meta jniedi u jiddeċiedi dwar l-implimentazzjoni ta' missjonijiet ċivili, il-Kunsill jaġixxi b'unanimità<sup>22</sup>.

F'ambjent internazzjonali dinamiku, l-UE trid tkun kapaċi tuża s-sett ta' għodod tagħha b'ħeffa biex tirrispondi u tinvolvi ruħha f'ambjenti ta' kriżi jew ta' wara kriżi b'mod viżibbli u b'appoġġ dirett għall-awtoritajiet nazzjonali u/jew għall-komunitajiet lokali. Hekk kif l-UE tapprova tesporta l-istabbiltà fil-viceinat tagħha, l-għadd ta' missjonijiet ċivili x'aktarx li jizzied. Minħabba l-ambjenti fluwidi li fihom dawn il-missjonijiet tipikament joperaw ladarba jkun stabbiliti, dawn il-missjonijiet ikunu jeħtieġu ġestjoni effettiva u aġli.

Il-Kummissjoni għalhekk tissuġġerixxi li **l-Kunsill Ewropew unanimament jadotta deċiżjoni bbażata fuq l-Artikolu 31(3) TUE li tipprevedi li d-deċiżjonijiet kollha dwar il-missjonijiet Ċivili tal-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni jiġu adottati b'votazzjoni b'maġġoranza kwalifikata mill-Kunsill.**

L-ewwel nett, għandhom jiġu kkunsidrati b'mod partikolari l-missjonijiet kollha ta' Riforma tas-Settur tal-Bini tal-Kapaċità tal-Istat tad-Dritt u tas-Sigurtà, minħabba li dawn normalment joperaw mill-qrib ma' strumenti oħra tal-UE rregolati b'votazzjoni b'maġġoranza kwalifikata fil-Kunsill.

Fi kwalunkwe każ, il-Kunsill Ewropew jista' jiddeċiedi li ladarba jiġu stabbiliti b'mod unanimu, id-deċiżjonijiet kollha dwar l-implimentazzjoni tal-missjonijiet Ċivili tal-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni jittieħdu mill-Kunsill b'votazzjoni b'maġġoranza kwalifikata<sup>23</sup>.

## 6. Konklużjoni

Il-politika Etera u ta' Sigurtà Komuni tal-UE ssaħħet b'mod konsiderevoli sa mill-bidu tagħha. Il-kisbiet tagħha, pereżempju fil-Balkani tal-Punent, biex tappoġġa lill-Ukraina u b'relazzjoni mal-programm nukleari tal-Iran huma sinifikanti. Is-sħab tal-UE fid-dinja qed jistennewha tiddefendi l-valuri tagħha u r-regoli internazzjonali bbażata fuq regoli multilaterali.

Hemm għarfien dejjem jikber li x-xena internazzjonali diffiċli li qed niffaċċjaw teħtieġ "ħeġġa għida" fil-Politika Etera u ta' Sigurtà Komuni. L-UE trid issir attur dinji aktar

<sup>21</sup> Lil hinn mill-possibilita' msemija aktar kmieni fl-ewwel kaxxa tat-Taqsima 5.

<sup>22</sup> Fuq il-bażi tal-Artikolu 42(4) TUE, l-Artikoli 43(2) TUE u l-Artikolu 46(28) TUE.

<sup>23</sup> Inklużi deċiżjonijiet meħuda minn awtorita' delegata.

b'saħħtu, sabiex tkun tista' tkompli tiffirma l-futur tagħna, issostni s-sovranià kondiviża tagħna u teżerċita influwenza internazzjonali pożittiva.

L-effiċjenza tat-teħid tad-deċiżjonijiet tista' tittejjeb f'ċerti oqsma tal-Politika Esera u ta' Sigurtà Komuni. Dan għandu jgħin lill-Unjoni Ewropea biex toqgħod fuq saqajha stess.

Għal din ir-raġuni, il-Kummissjoni tirrakkomanda li jiġi sfruttat il-potenzjal tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea billi tintuża l-firxa sħiħa ta' possibbiltajiet fil-Politika Esera u ta' Sigurtà Komuni, b'mod partikolari billi jiżdied l-użu tal-votazzjonijiet b'maġġoranza kwalifikata.

Sabiex tikkontribwixxi għall-bini ta' Unjoni aktar magħquda, aktar b'saħħitha u aktar demokratika f'perspettiva tal-2025, il-Kummissjoni Ewropea tistieden lill-Mexxejja fil-laqgħa tad-9 ta' Mejju 2019 f'**Sibiu biex japprovaw il-proposti li jinsabu f'din il-Komunikazzjoni**. Il-Kunsill għandu jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata fit-tliet oqsma li ġejjin tal-Politika Esera u ta' Sigurtà Komuni:

- Fir-rigward tal-kwistjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem f'fora multilaterali;
- Rigward il-politika dwar is-sanzjonijiet;
- Fir-rigward tal-missjonijiet ċivili tal-Politika Esera u ta' Sigurtà Komuni.